Ċirkulari Numru 11/2026
Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2026

Lil: Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali, President, Viċi President, Membri, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Mingħand: Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Data: 18 ta' Novembru, 2026

1. Skop taċ-Ċirkulari

Din iċ-Ċirkulari qed tinħareġ bi tħejjija għall-proċess ta' verifika tal-kontijiet tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali, kif ukoll tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, għas-sena finanzjarja 2026. Din tinkludi tabella bl-iskadenzi importanti li għandhom jiġu osservati sabiex ir-rapporti finanzjarji jiġu sottomessi lill-Awditur Ġenerali fil-ħin.

Fl-imgħoddi kien hemm diversi drabi fejn ir-rapporti finanzjarji ma kinux ippreparati b'mod korrett u/jew ġew sottomessi tard lill-Awditur Ġenerali. Kull Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li dan ma jerġax iseħħ. Skont l-aħħar Rapport tal-Awditur Ġenerali, kien hemm titjib fin-numru ta' sottomissjonijiet li saru fil-ħin. Huwa għalhekk essenzjali li, fir-rigward tas-sena finanzjarja 2026, il-Kunsilli kollha josservaw il-perjodi u l-iskadenzi stabbiliti f'din iċ-Ċirkulari.

Ma' din iċ-Ċirkulari hemm anness dokument li jipprovdi gwida dettaljata dwar it-tħejjijiet meħtieġa mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' verifika. Dan jinkludi wkoll ir-responsabbiltajiet tas-Certified Public Accountant, b'enfasi fuq it-tħejjija tar-rapporti finanzjarji u l-proċess tal-awditjar.

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom jgħaddu kopja ta' din iċ-Ċirkulari lill-accountant rispettiv għall-attenzjoni tiegħu.

<u>Avviż importanti</u>

Din is-sena, l-awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsilli Lokali f'Malta, bl-eċċezzjoni tar-Reġjun Punent, se jitwettaq minn Grant Thornton. L-awditjar tar-Reġjun Punent u tar-Reġjun ta' Għawdex se jitwettaq minn Parker Russell Turner (PRT).

L-arranġament introdott fis-sena preċedenti fir-rigward tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti finanzjarji awditjati ser jibqa' japplika għas-sena finanzjarja 2026. Għaldaqstant, ir-

rapporti finanzjarji awditjati għandhom jiġu finalizzati u sottomessi mhux aktar tard minn tliet ġimgħat mid-data li fiha l-Kunsill jirċievi mingħand l-Awditur tal-Gvern Lokali t-talba għall-aġġustamenti.

Huwa importanti li s-Segretarju Eżekuttiv jiżgura li d-dokumenti kollha meħtieġa mill-Awditur tal-Gvern Lokali jkunu mħejjija minn qabel, sabiex l-awditur ikun jista' jlesti x-xogħol mingħajr dewmien.

2. Tabella ta' Skadenzi li s-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli għalihom

Mhux iktar tard minn	Dettalji
30 ta' Novembru, 2026	Id-dati tal-'*fieldwork*' għas-sena 2027 għandhom jiġu ffissati bil-quddiem u kkomunikati bil-miktub. L-Awditur tal-Gvern Lokali se jikkuntattja lil kull Kunsill sabiex jiġu stabbiliti d-dati għat-twettiq tax-xogħol tal-awditjar fuq il-post.
15 ta' Jannar, 2027	Is-softwer tal-kontabilità għandu jkun aġġornat bit-tranżazzjonijiet kollha li saru sal-31 ta' Diċembru 2026.
15 ta' Jannar, 2027	Il-bilanċi tal-kontijiet bankarji u l-Aged Creditors List, kif jirriżultaw fil-31 ta' Diċembru 2026, għandhom jiġu sottomessi permezz tat-templates mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari, b'email lil **compliance.dlg@gov.mt.**
Matul il-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar	Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li, matul il-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar, tiġi stabbilita d-data tal-laqgħa ta' Frar li matulha għandu jiġi approvat l-abbozz tar-rapporti finanzjarji mhux awditjati. Il-laqgħa għandha ssir qabel is-26 ta' Frar 2027 sabiex tippermetti li s-sottomissjoni ssir fil-ħin. Jekk ikun hemm riskju li l-laqgħa ma ssirx sal-iskadenza stabbilita, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jsejjaħ laqgħa b'urġenza għal dan l-iskop biss. Id-DGL għandha tiġi infurmata bid-data tal-laqgħa permezz ta' email lil **compliance.dlg@gov.mt.**
26 ta' Frar, 2027	L-abbozz tar-rapporti finanzjarji mhux awditjati għandu jiġi approvat mill-Kunsill Lokali jew Reġjonali, iffirmat u datat mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku jew mill-President, skont il-każ, flimkien mad-dokumenti l-oħra elenkati fl-Appendiċi 1 ta' din iċ-Ċirkulari. L-abbozz tar-rapporti finanzjarji, għandu jintbagħat lill-Awditur Ġenerali fuq **nao.malta@gov.mt** u lid-DGL fuq **compliance.dlg@gov.mt.** Kopja tal-abbozz, għandha tintbagħat ukoll lill-Awditur tal-Gvern Lokali. Id-dokumenti għandhom jintbagħtu **biss** f'forma diġital

Bejn Marzu u Ġunju 2027	Dan huwa l-perjodu li matulu għandu jitwettaq il-*fieldwork* mill-Awditur tal-Gvern Lokali.
Mhux aktar tard minn tliet ġimgħat mid-data li fiha l-Kunsill jirċievi t-talba għall-aġġustamenti mingħand l-Awditur tal-Gvern Lokali	L-aġġustamenti mitluba mill-Awditur tal-Gvern Lokali għandhom isiru mingħajr dewmien u fi żmien massimu ta' tliet ġimgħat mid-data li fiha l-Kunsill jirċievi t-talba għall-aġġustamenti. Għandu jinżamm rekord ċar tad-dati tal-emails li permezz tagħhom jintalbu l-aġġustamenti, għall-finijiet tal-awditjar. Ladarba l-aġġustamenti jkunu lesti u approvati, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Awditur tal-Gvern Lokali s-seba' kopji oriġinali tar-rapporti finanzjarji awditjati, skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'sezzjoni 5 ta' din iċ-ċirkulari. Kopja diġitali għandha tintbagħat lid-DGL fuq **compliance.dlg@gov.mt.** L-Awditur tal-Gvern Lokali għandu jinforma lid-DGL bid-data li fiha tkun intbagħtet it-talba għall-aġġustamenti lill-Kunsill. L-iskadenza ta' tliet ġimgħat tibda tiddekorri minn dik id-data.
Mhux aktar tard minn sitt ġimgħat minn meta l-Kunsill jirċievi l-Ittra ta' Direzzjoni mingħand l-Awditur tal-Gvern Lokali	Għandha tingħata risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter), indirizzata lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lill-Awditur tal-Gvern Lokali u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Ir-risposta għandha tintbagħat f'forma diġitali lill-Awditur Ġenerali fuq **nao.malta@gov.mt** u lid-DGL fuq **compliance.dlg@gov.mt**. M'hemmx bżonn li tintbagħat kopja fiżika.

3. Osservazzjonijiet Komuni Identifikati matul il-Proċess tal-Awditjar

Id-Direttorat għall-Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance) iżomm komunikazzjoni regolari mal-Awditur tal-Gvern Lokali matul il-proċess tal-awditjar. Matul din il-komunikazzjoni, l-awdituri ġibdu l-attenzjoni tad-Direttorat għal numru ta' prattiċi u nuqqasijiet komuni li ġew identifikati f'diversi okkażjonijiet matul l-awditjar tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

Għaldaqstant, il-Kunsilli Lokali u Reġjonali huma mitluba jagħtu attenzjoni partikolari lill-punti li ġejjin sabiex jiġi żgurat li d-dokumentazzjoni finanzjarja tkun kompluta u korretta, u biex jiġi evitat dewmien bla bżonn fil-proċess tal-awditjar.

4. Aġġornament tal-Firmatarji u Ġestjoni tal-Kontijiet Bankarji

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom jiżguraw li l-firmatarji awtorizzati fuq il-kontijiet bankarji kollha tagħhom ikunu aġġornati u jirriflettu biss il-persuni li attwalment jokkupaw il-kariga ta' Sindku jew President, skont il-każ, u ta' Segretarju Eżekuttiv.

F'każ ta' bidla fis-Sindku jew fil-President, skont il-każ, jew fis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill għandu jieħu l-passi neċessarji mal-bank sabiex il-firmatarji preċedenti jitneħħew u jiġu sostitwiti bil-persuni li jkunu qed jokkupaw dawn il-karigi. Mhuwiex aċċettabbli li firmatarji preċedenti jibqgħu awtorizzati fuq il-kontijiet bankarji wara li jkunu temmew il-kariga tagħhom.

Dan l-obbligu japplika għall-kontijiet bankarji kollha tal-Kunsill, inklużi dawk li ma jkunux qed jintużaw b'mod regolari jew li ma jkollhomx moviment.

Barra minn hekk, il-Kunsilli għandhom jirrevedu perjodikament il-kontijiet bankarji tagħhom u, fejn kont bankarju ma jkunx għadu meħtieġ, jieħdu l-passi neċessarji sabiex dan jingħalaq formalment mal-bank. Wara li l-bank jikkonferma formalment l-għeluq tal-kont, il-Kunsill għandu jiżgura li jsiru l-aġġustamenti kontabbli meħtieġa sabiex il-kont ma jibqax jidher bħala kont bankarju attiv fit-Trial Balance.

5. Iffirmar u Sottomissjoni tar-Rapporti Finanzjarji Awditjati

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom jiżguraw li r-rapporti finanzjarji awditjati jkunu ffirmati bil-linka oriġinali mill-persuni awtorizzati, inkluż is-Sindku jew il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, skont ir-rekwiżiti applikabbli.

Għandhom jiġu ppreżentati **seba' (7) kopji oriġinali** tar-rapporti finanzjarji awditjati, li għandhom ikunu:

- Stampati fuq naħa waħda biss tal-karta (*single-sided*);
- Mingħajr legatura (*unbound*);
- Mingħajr staples jew kwalunkwe mezz ieħor li jgħaqqad il-paġni.

Dawn il-kopji għandhom jintbagħtu **direttament lill-awdituri esterni responsabbli mill-awditjar tal-Kunsill**, u mhux lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO).

Il-Kunsilli għandhom jiżguraw li dawn ir-rekwiżiti jiġu osservati sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċess tal-finalizzazzjoni u s-sottomissjoni tar-rapporti finanzjarji awditjati.

6. Pubblikazzjoni u Tlugħ tar-Rapporti Finanzjarji Awditjati

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali għandhom jiżguraw li r-rapporti finanzjarji li jittellgħu fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill jew fuq kwalunkwe sistema jew pjattaforma uffiċjali fejn tkun meħtieġa l-pubblikazzjoni tagħhom jkunu **r-rapporti finanzjarji finali, awditjati u ffirmati kif suppost**, u li jinkludu r-rapport tal-awditur indipendenti (*Independent Auditor's Report*).

Għalhekk, il-Kunsilli għandhom joqogħdu attenti li:

- Ma jtellgħux rapporti finanzjarji mhux awditjati (*Unaudited Financial Statements*) minflok dawk awditjati, meta s-sottomissjoni tkun tirrikjedi rapporti awditjati;
- Ma jtellgħux rapporti finanzjarji li jkunu għadhom ma ġewx iffirmati mill-persuni awtorizzati;
- Ma jtellgħux rapporti finanzjarji awditjati mingħajr ir-rapport tal-awditur indipendenti.

Qabel ma jsir it-tlugħ tad-dokumenti, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li d-dokumentazzjoni tkun kompluta, korretta u tirrappreżenta l-verżjoni finali tar-rapporti finanzjarji awditjati.

Kwalunkwe dokumentazzjoni li tkun mhux kompluta, mhux iffirmata jew li ma tirrappreżentax il-verżjoni finali għandha titneħħa u tiġi sostitwita bid-dokumentazzjoni korretta mingħajr dewmien.

IFFIRMATA

Clare Bugeja
Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, MCLG
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (International Affairs and Training Directorate)
Direttur, Gvern Lokali (Procurement)
President, AKL
President, ANSEK